# IX-XWEJJAH TAR-RAHAL

*Lil Ħabibi G. Aquilina li jgħożżni.*

Qam bi tbatija u twieżen fuq il-ħatar,
u medd riġlejh bil-ħarsa ċassa mriegħda,
taħt is-siġra tal-misraħ biex jinsatar
mill-wiċċ tad-dinja u jarġa' jmur bil-qiegħda.

Minn fejn biebu sas-siġra għal fil-għaxija
iqis il-mixja, u minn saqajh iż-żrara
ikeċċi b'dak il-ħatar: fix-xjuħija
ta' kull xewqa riġlejh m'għadux bi ħrara

isuq bil-ġwienaħ ta' l-Imħabba ħieles,
bin-nar ta' l-Għira li trid tisboq l-għadu.
Qalbu l-lum battlet mill-frugħat it-tlieles,
għajnejh għajew mill-bogħod l-hena jistâdu...

Malli tad-dlamijiet toqrob is-siegħa,
bħal dell ta' żmienhom ix-xwejħiet nissieġa
għaddej jarawh, u jiftakruh: kien xbieha
ta' ġmiel u saħħa, u fosthom kien ħuġġieġa.

U jiftakruh; hu biss baqa' tifkira;
tfajjel għafrid itir mar-riħ fuq bhejjem,
jarfa' l-itqal Salib tal-Gimgħa l-Kbira,
ċangun fuq dahru fu l-aqwa tgħabi dejjem.

Jidħol u jfieraq: dejjem hu fi ġlieda;
id-dehra tiegħu lil kull aħrax tbażża'.
Issa qiegħed hemm; u siket għal għarrieda
fl-għabex taħt siġra minn kull werqa mnażżgħa...

Bħal weraq niexef mill-irjieħ imwaqqa',
bħal dgħajsa mkissra mill-mewġiet fuq plajja,
issa qiegħed hemm: jistenna l-aħħar daqqa
tar-riefnu l-kbir li taħsdu minn dil-ħajja.

A. CREMONA.

7 ta' Diċembru, 1933.